PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8635 — Sojitz/KEPCO/Luricawne/Fixarra/Evalair/Plum)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 339/08)

1. Fid-29 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sojitz Corporation ("Sojitz", il-Ġappun),

— Kansai Electric Power Company Inc. ("KEPCO", il-Ġappun),

— Luricawne Wind Sàrl ("Luricawne", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn HgCapital (ir-Renju Unit),

— Fixarra Limited ("Fixarra", l-Irlanda), li tappartjeni għall-Craydel Group (l-Irlanda),

— Evalair Limited ("Evalair", l-Irlanda) li bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn Fixarra u Luricawne,

— Plum Windfarm Holdings Limited ("Plum", l-Irlanda), bħallisa kkontrollati b'mod konġunt minn Fixarra u Luricawne.

Sojitz u KEPCO jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Evalair u Plum, flimkien ma' Fixarra u Luricawne. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sojitz: Il-grupp Sojitz huwa konglomerat dinji attiv f'varjetà ta' negozji differenti, primarjament fil-qasam tal-kummerċ ta' oġġetti u servizzi, inkluż fis-settur tal-enerġija;

— KEPCO: il-grupp KEPCO huwa attiv f'diversi negozji inklużi l-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-provvista tal-gass u tat-telekomunikazzjoni madwar id-dinja;

— Luricawne: Luricawne hija proprjetà HgCapital li hija ditta ta' ekwità privata li jinvestu madwar nofs is-suq tat-teknoloġija, mezzi tax-xandir, telekomunikazzjoni, servizzi u industrijali, primarjament fl-Ewropa tat-Tramuntana;

— Fixarra: Fixarra hija proprjetà tal-Craydel Group li huwa fornitur multidixxiplinarju tal-inġinerija li jispeċjalizza fl-iżvilupp ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli;

— Evalair hija proprjetarja u tħaddem erba' parks eoliċi fl-Irlanda;

— Plum jippossjedi Slivecallan West Wind proġett fl-Irlanda, li huwa park eoliku li bħalissa qegħdin jiġu żviluppati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8635 — Sojitz/KEPCO/Luricawne/Fixarra/Evalair/Plum

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË